Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 138/12

**Dolores Cristina** **(appellanti)**

**vs**

**Dr Joseph Muscat** **(appellat)**

10 ta' Marzu 2017

1. **Il-kawża hi azzjoni għad-danni minħabba allegazzjoni ta' malafama li saret waqt diskors tal-konvenut fit-22 ta' April 2012, fejn allegatament insinwa aġir ta' nepotiżmu u favoreġġjament fil-konfront tal-attriċi.**

2. Fir-rikors tagħha li ġie ppreżentat fl-24 ta' April 2012 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-attriċi Dolores Cristina talbet **(i)** li jiġi dikjarat li d-diskors magħmul minn Dr Joseph Muscat nhar il-Ħadd 22 ta' April 2012, kif ukoll l-istqarrija għall-istampa maħruġa mill-Partit Laburista li tikkonferma tali diskors, tikkontjeni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tagħha, senjatament fejn ġiet implikata f' allegat aġir ta' nepotiżmu fil-proċess tal-għażla ta' Dr Robert Cuschieri, kif ukoll bl-assjem tad-diskors dwar dan il-każ li fih fatti żbaljati u tingħata impressjoni ta' favoreġġjament, u **(ii)** li konsegwentement il-konvenut jiġi kkundannat iħallasha somma stabbilita mill-qorti bħala danni bl-applikazzjoni tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Fir-risposta tiegħu li ġiet ippreżentata fis-27 ta' Ġunju 2012, il-konvenut eċċepixxa illi **(i)** t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, li **(ii)** id-diskors indikat mhux libelluż fit-termini tal-liġi, u li **(iii)** d-diskors jikkonsisti f' espressjoni ta' opinjoni u apprezzament, jew *value judgment*, u huwa *fair*

*comment* fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taħt il-Liġi tal-iStampa, kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

4. Fid-deċiżjoni tagħha tad-29 ta' Frar 2016, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u ċaħdet it-talbiet attriċi. Bl-ispejjeż a karigu tal-attriċi.

5. Fil-21 ta Marzu 2016 l-attriċi ppreżentat rikors tal-appell fejn talbet lil din il-qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

6. **L-aggravji tal-attriċi appellanti Dolores Cristina huma dawn**:

(i) Hi ssostni fl-ewwel lok li l-ewwel qorti kienet żbaljata meta qieset li d-diskors u l-istqarrija lamentati minnha ma kinux "*statement of fact"* imma biss "*value judgment*" u li allura ma kinux suxxettibbli għal verifika dwar il-verita` o meno tal-kontenut tagħhom u protetti mill-liberta` tal-espressjoni;

(ii) Issostni wkoll li l-ewwel qorti żbaljat meta qieset li r-riferenza għan-nepotiżmu fid-diskors u l-istqarrija kienet waħda ġenerali u mhux diretta speċifikatament lejha;

(iii) Tilmenta fit-tielet lok illi l-ewwel qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq riferenzi għal sentenzi li jittrattaw kwistjonjiet irrilevanti għal din odjerna;

(iv) Taċċenna għall-fatt li l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra li fid-diskors u fl-istqarrija relattiva ġie skorrettament allegat illi bħala fatt "*instab mill-Qrati li kien hemm tobba maqbuża biex din ingħatat lil persuna li*

*ma kellhiex ir-rekwiżiti kollha*", meta bħala stat ta' fatt dan ma kienx il-każ;

(v) Finalment targumenta illi s-sentenza appellata hija kontradittorja stante li l-ewwel qorti, filwaqt li rrikonoxxiet li l-każ ta' Robert Cuschieri ġie deċiż fl-ewwel stanza fl-2013, ħafna wara d-diskors u l-istqarrija lamentati, ma rrikonoxxietx ukoll li konsegwentement l-appellat kien skorrett meta qal li fil-Qorti kienu sabu li kien hemm tobba maqbuża.

7. Il-konvenut appellat Dr Joseph Muscat fit-18 ta' April 2016 wieġeb biex jgħid għaliex dan l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellanti.

**8. <u>Sfond kronoloġiku</u>:**

- Jiġi spjegat fl-ewwel lok illi fiż-żmien li fih ġiet intavolata l-kawża, u f' dak preċedenti għalih, l-attriċi kienet il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, filwaqt li l-konvenut kien il-Mexxej tal-Partit Laburista, u Kap tal-Oppożizzjoni.

- <u>Fl-20 ta' Lulju 2010</u> il-<u>Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku</u> (PSC) ħarġet sejħa għal: "*Position of Designate Consultant Surgeon leading to the post of Consultant Surgeon with special interest in Hepato Pacreato Biliary Surgery in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care*".[1] Din is-sejħa inġabet għall-attenzjoni tal-"*Medical/Physician Superintendants*" permezz taċ-ċirkolari DH170/2010[2]. Wieħed mir-rekwiżiti kien li l-applikanti jkollhom, "*sentejn esperjenza full-time bħala speċjalisti fil-General Surgery*".

- Wieħed mill-ħames (5) persuni li applikaw kien <u>Dr Robert Cuschieri</u>, li hu r-raġel ta' bint l-attriċi Dolores Cristina.

[1] Kopja tal-Gazzetta tal-Gvern relattiva: fol 26-33.
[2] Fol 25.

- Il-PSC inkarigat lill-Bord tal-Għażla biex jivverifika l-applikazzjonijiet u jagħmel l-*interviews* relattivi.
- Fl-20 ta' Jannar 2011, il-PSC ippubblikat ir-riżultati maħruġa mill-Bord tal-Għażla.[3] Mill-ħames applikanti Dr Robert Cuschieri ġab l-ogħla marka, dik ta' 122. (Applikanta oħra, ċertu Dr Josephine Psaila, ġiet it-tieni b'119, filwaqt li żewġ applikanti weħlu, u ieħor kien assenti).

- Pero' fl-24 ta' Jannar 2011[4], il-Medical Association of Malta (MAM) kitbet lill-PSC u talbitha tinvestiga l-eliġibilita` ta' Dr Robert Cuschieri peress li saħqet illi ma kellux is-sentejn "*full time experience as a specialist in General Surgery*". Spjegat illi l-perjodu ta' sentejn esperjenza bħala speċjalista kien jibda minn meta isem l-ispeċjalista ikun effettivament tniżżel fir-reġistru, u dan peress li l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa jiddefinixxi "*speċjalista*" bħala "*professjonist fil-kura medika* ***li jkollu ismu mniżżel fit-taqsima adatta tar-reġistru*** *tal-ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill rilevanti skont dan l-Att*."

- Fit-8 ta' Ġunju 2011 il-PSC għarrfet lil Robert Cuschieri[5] illi ma setax jitqies bħala eliġibbli għall-kariga li għaliha kien applika u intagħżel, peress li ma kellux is-sentejn esperjenza bħala "*specialist in general surgery*". Spjegat illi għalkemm Dr Cuschieri kien ilu jipprattika ta' *Resident Specialist* mill-1 ta' Jannar 2008, u għalhekk kienu għaddew iktar minn sentejn mill-*closing date* għall-applikazzjoni dwar il-kariga in kwistjoni, huwa effettivament ottjena is-"*Certificate of completion of training*" fit-22 ta' Ġunju 2010, u l-Artikolu 29(1) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa jipprovdi li "*Ħadd ma għandu jeżerċita bħala, jew jagħmilha ta' speċjalista kemm-il darba ismu ma jkunx imniżżel fir-reġistru miżmum għar-reġistrazzjoni ta' speċjalisti mill-Kunsill rilevanti.*"

3 Result Sheet, fol 35.
4 Dok JM4, fol 156-157.
5 Ittra datata 8 ta' Ġunju 2011 mibgħuta lil Dr Robert Cuschieri, fol 36.

- Fis-16 ta' Ġunju 2011[6] ic-*Chairman* tal-Bord tal-Għażla allega li xi sejħiet għall-applikazzjonijiet kienu ġew emendati biex jibbenefikaw persuni partikolari u dan wara li kienu ġew mgħoddija lill-MAM għall-konsultazzjoni meta fl-istadju tal-abbozz. Ilmenta wkoll li l-Bord ma kienx ingħata linji gwidi suffiċjenti dwar kif kellhom jiġu interpretati l-kundizzjonijiet ta' eliġibilita` tal-applikanti. Għalhekk hu u l-membri tal-Bord, irtiraw il-firem tagħhom.

- Fis-17 ta' Ġunju 2011 Dr Robert Cuschieri wieġeb[7] għall-ittra tal-PSC tat-8 ta' Ġunju 2011 tramite d-difensur legali tiegħu Dr Peter Fenech.

- Fl-10 ta' Novembru 2011, il-PSC irrispondiet fid-dettall għall-ittra legali[8] ta' Dr Robert Cuschieri.

- Fl-10 ta' Novembru 2011 il-PSC, wara li ddiskutiet il-każ mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, kif ukoll mal-Avukat Ġenerali u mal-MAM, għarrfet lil kull applikant[9] illi l-għażla kkomunikata fl-20 ta' Jannar 2011 kienet tħassret u kien ser jerġa' jiġi ffurmat Bord tal-Għażla ġdid sabiex jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjonijiet.

- Fil-25 ta' Novembru 2011 Dr Robert Cuschieri informa[10] lill-PSC illi kien beħsiebu jieħu passi legali kontriha.

- Fil-5 ta' Diċembru 2011 il-PSC wieġbet għal tali ittra u infurmat lil Dr Robert Cuschieri li ma kellha xejn iktar xi żżid mal-ittra tagħha tal-10 ta' Novembu 2012.

- Fil-15 ta' Diċembru 2011 Dr Robert Cuschieri ppreżenta mandat ta' inibizzjoni[11] (Nru 1777/2011) sabiex il-PSC titwaqqaf milli tappunta Bord tal-Għażla gdid. Il-mandat intlaqa' proviżorjament dak in-nhar stess[12].

[6] Skont it-timeline esebit minn Christine Schembri, is-segretarju tal-PSC, Dok CS1, fol 152-153.
[7] Ittra legali fol 41-44.
[8] Ittra datata 10 ta' Novembru 2011 mibgħuta lil Dr Robert Cuschieri biss, fol 51.
[9] Ittra datata 10 ta' Novembru 2011 mibgħuta lill-applikanti kollha, fol 59-60.
[10] Ittra legali ta' Dr Robert Cuschieri datata 25 ta' Novembru 2011, fol 61.

- Fit-3 ta' Jannar 2012 il-PSC wieġbet[13] biex tgħid għaliex it-talba għall-mandat ta' inibizzjoni kellha tiġi miċħuda.

- Fit-22 ta' April 2012, (ħdax-il xahar qabel l-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu 2013) waqt laqgħa politika tal-Partit Laburista fl-iMsida, il-konvenut indirizza l-pubbliku preżenti u tkellem dwar kwistjonijiet politiċi li kienu viġenti dak iż-żmien. Il-kontenut ta' tali diskors ġie redatt fi Stqarrija għall-iStampa illi l-Partit Laburista ħareġ dakinhar stess[14], u ġie rrapurtat l-għada, 23 ta' April 2012 fil-gazzetta "*l-Orizzont".*[15] Fost dak kollu li ġie redatt fl-istqarrija, u rapportat fil-gazzetta "l-Orizzont", kien hemm is-segwenti:

| |
|---|
| ***"Sistema ta' nepotiżmu li dejqet lil dawk ta' rieda tajba*** <br><br> *Xokkanti wkoll kif il-Ministru tal-Edukazzjoni ma tkellmet xejn wara l-aħbar inkwetanti li nstab mill-qrati li kien hemm tobba maqbuża fil-kariga ta' konsulent, biex din ingħatat lil persuna li ma kellhiex ir-rekwiżiti kollha. U din il-persuna inzertat ir-raġel tat-tifla tal-Ministru Cristina. L-istess Ministru li t-tifel tagħha kien involut fil-froġa li swiet il-miljuni ta' fondi Ewropej sospiżi minħabba mmaniġjar ħażin.* <br><br> *Dan kollu jixhed is-sistema ta' nepotiżmu li issa dejqet lil kull min huwa ta' rieda tajba. Mhix qed iddejjaq biss lil-Laburisti, imma wkoll lil Nazzjonalisti ġenwini li m'humhiex jgħarfu lill-partit li vvutaw għalih, għaliex il-klikka ta' GonziPN ħatfet partit, ħatfet gvern u qed tipprova taħtaf il-pajjiż.* <br><br> *Illum il-meritokrazija m'għadhiex parti mid-dizzjunarju tal-Gvern. Fejn l-importanti huwa mhux kemm taf imma lil min taf. Iżda n-nies ta' rieda tajba jemmnu li għandu jkollna meritokrazija f' pajjiżna."* |

- Fil-11 ta' Mejju 2012[16] il-mandat ta' inibizzjoni li talab Dr Robert Cuschieri intlaqa' definittivament.

[11] Talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, fol 18, 22-24 (jidher li hemm xi folja, jew folji, nieqsa.)
[12] Digriet proviżorju, fol 20.
[13] Risposta tal-PSC fol 55-58.
[14] Stqarrija tal-iStampa, Dok JM6, fol 160-163.
[15] Paġni mill-Orizzont, Dok DC2, fol 6-7.
[16] Fol 91-96.

- Fil-25 ta' Mejju 2012 Dr Robert Cuschieri intavola proċeduri kontra l-PSC: "*Nutar Marilena Cristina noe vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et" (Rikors Nru: 525/2012 JPG)*.

- Fit-8 ta' Novembru 2013 ingħatat sentenza fil-kawża fl-ismijiet "*Nutar Marilena Cristina noe vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et" (Rikors Nru: 525/2012 JPG)* fejn ġie dikjarat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili illi l-PSC aġixxiet *ultra vires* u b'mod żbaljat meta interpretat il-liġi, u wkoll illi Dr Cuschieri huwa eliġibbli taħt il-kriterji kif ippubblikati fl-avviż għas-sejħa tal-applikazzjoni ta' Lulju 2010. Il-PSC ġiet ordnata tipproċedi bil-proċess ta' selezzjoni ġdid b' dan li l-kriterji rikjesti għall-applikanti għandhom jirreferu għall-istess terminu ta' esperjenza indikat fis-sejħa oriġinali, liema esperjenza għandha tiġi kkalkolata minn data sussegwenti għall-ġudizzju.

- Fil-25 ta' Novembru 2013 sar appell mis-sentenza u l-kawża għadha *sub judice*.[17]

## 9. Konsiderazzjoni ta' din il-qorti.

Wara li din il-qorti qrat l-atti u semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri, tosserva:-

- Il-konvenut, fid-diskors tat-22 ta' April 2012 ikkummenta li kien ***"xokkanti"*** l-fatt li l-Ministru tal-Edukazzjoni (u cioe` l-attriċi appellanti) ma tkellmet xejn wara, ***"l-aħbar inkwetanti li nstab mill-qrati li kien hemm tobba maqbuża fil-kariga ta' konsulent, biex din ingħatat lil persuna li ma kellhiex ir-rekwiżiti kollha."*** Fl-affidavit l-attriċi qalet, *"Niċħad kategorikament li jiena kont b'xi mod involuta, jew tkellimt favur ta' jew għaddejt kwalsiasi forma ta' komunikazzjoni lil xi ħadd, hu min hu, dwar is-sejħa għall-mili tal-kariga li għaliha applika r-raġel ta' binti"*.

[17] Għadha ma ġietx appuntata għas-smiegħ.

- M'hemmx dubju li dakinhar tad-diskors ma kien hemm l-ebda sentenza ta' qorti li tgħid li r-raġel tat-tifla tal-attriċi kien ingħata l-kariga ta' konsulent minkejja li ma kellux ir-rekwiżiti meħtiega, u f'dan il-proċess kien qabeż tobba oħra. Din il-parti tad-diskors hi *statement of fact*, ġialadarba l-eżistenza ta' fatt tista' tiġi ppruvata. Madankollu dak li segwa wara jikkwalifika bħala *value judgment* tal-kelliem, fis-sens li kienet kritika lill-Gvern tal-ġurnata fejn il-kelliem esprima l-opinjoni tiegħu bażat fuq il-fatt li, *"(….) nstab mill-qrati li kien hemm tobba maqbuza fil-kariga ta' konsulent, biex din ingħatat lil persuna li ma kellhiex ir-rekwiżiti kollha"*. Dakinhar il-Kap tal-Opposizzjoni esprima l-fehma tiegħu dwar il-Gvern immexxi mill-Partit Nazzjonalista, fl-isfond tal-fatt fuq imsemmi. Hu d-dmir tal-Kap tal-Opposizzjoni li jikkritika lill-Gvern u jaghti wkoll il-fehma tiegħu fir-rigward ta' dak li jkun għaddej fil-pajjiż. Mid-diskors ma jirriżultax li l-kelliem allega li l-attriċi kienet personalment ntervjeniet sabiex ir-raġel ta' bintha jingħata l-kariga meta ma kellux ir-rekwiżiti kollha meħtiega, u l-kritika li għamel fil-konfront tagħha kien limitat għal fatt li ma kinitx tat il-kumment tagħha. F'din il-parti tad-diskors l-enfażi kienet dwar xibka ta' nepotiżmu li fil-fehma tal-kelliem kienet ħakmet lill-Gvern tal-ġurnata u mmexxija minn persuni fi ħdan il-Parti Nazzjonalista, fejn il-meritokrazija ma kinitx tgħodd. Waqt id-diskors il-konvenut uża l-każ tar-raġel ta' bint l-attriċi bħala eżempju fl-argument li f'Malta kien qegħda titħaddem sistema ta' nepotiżmu.

- Hu minnu li fid-data tad-diskors ma kienx hemm sentenza ta' qorti, u wieħed jippretendi li Kap tal-Opposizzjoni jinghata fatti korretti li jkunu ġew verifikati qabel jirrepetihom fil-pubbliku. Sa dakinhar tad-diskors l-unika deċiżjoni ta' qorti li kien hemm dwar il-ħatra ta' Dr Cuschieri, kien digriet tal-15 ta' Diċembru 2011 li proviżorjament waqqaf lill-Kummissjoni milli tappunta Bord tal-Għażla ieħor u jagħmel *interviews* ghall-kariga ta' *Designate Consultant Surgeon*. Pero' sa dak l-istadju l-każ kien għadu ma ġiex eżaminat minn qorti. Hu fatt ukoll li fid-data tad-diskors kien hemm diġa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, li hi mwaqqfa

mill-Kostituzzjoni (artikolu 109) u hi awtorita' indipendenti, fejn id-dmirijiet tagħha jinkludu li tmexxi l-proċess għall-ngaġġ ta' uffiċjali pubbliċi. Il-Kummissjoni ħassret ir-riżultat wara li qieset li l-Bord tal-Għażla ma kienx ta tweġibiet sodisfaċenti għad-domandi li għamlitlu u saħansitra rrinunzja għar-responsabbilta' tar-riżultat (ara ittra tal-10 ta' Novembru 2011 mibgħuta mis-segretarju tal-Kummissjoni lil Dr Cuschieri). Il-posizzjoni li kienet ħadet il-Kummissjoni tirriżulta mill-imsemmija ittra u mit-twegiba li preżentat fit-3 ta' Jannar 2012 fl-atti ta' rikors li Dr Cuschieri ippreżenta għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni[18]. Minn dawn id-dokumenti hu evidenti li l-Kummissjoni qieset li Dr Cuschieri ma kienx eliġibbli għall-kariga ta' *Designate Consultant Surgeon* għaliex ma kellux ir-rekwiżit ta', *"sentejn esperjenza full-time bħala specjalisti fil-General Surgery"*. Għall-kariga kienu applikaw tobba oħra, li bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tqiesu li fil-fatt inqabżu minn Dr Cuschieri. Jirriżulta wkoll mill-provi li kien hemm kandidati li oġġezzjonaw għar-riżultat u saħansitra l-Assocjazzjoni tat-Tobba b'ittra datata 24 ta' Jannar 2011 li baghtet lis-Segretarju tal-Kummissjoni, talbet investigazzjoni fost'affarijiet oħra dwar jekk, *"(….) the successful candidate satisfied, Clause 6(3), '(3) have two years full-time experience as a specialist in General Surgery'"*.

- Il-konvenut kien qiegħed jitkellem f'*meeting* politiku, fejn wieħed mis-suġġetti li tkellem dwarha hu n-nepotiżmu li fil-fehma tiegħu kien hawn fil-pajjiż. Suġġett li mhu xejn ġdid għax-xena lokali f'diskors minn politiku, għalkemm ovvjament jinbidlu l-uċuh li jitkellmu dwaru skont liema partit ikun fl-opposizzjoni. Għalkemm ma kienx hemm deciżjoni ta' qorti, jibqa' l-fatt li kien hemm deċiżjoni ta' awtorita' mwaqqfa mill-Kostituzzjoni li d-dmirijiet tagħha jinkludu wkoll li jsir il-proċess għall-ingaġġ ta' persuni fis-servizz pubbliku. Il-fatti li ddikjara l-konvenut huma sostanzjalment veri. Il-kummenti li sussegwentement għamel il-konvenut huma bażati fuq dawk il-fatti, u jitrattaw materja ta' interess pubbliku ġialadarba l-pubbliku hu nteressat fil-kondotta tal-Gvern. F'dan ir-rigward il-qorti tagħlaq billi

[18] Fol. 55.

taghmel riferenza għas-sentenza **Castells v. Spain** tat-23 ta’ April 1992, fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet:

*"42. The Court recalls that the freedom of expression, enshrined in paragraph 1 of Article 10 (art. 10-1), constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress. Subject to paragraph 2 of Article 10(art. 10-2), it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society"……*

***While freedom of expression is important for everybody, it is especially so for an elected representative of the people. He represents his electorate, draws attention to their preoccupations and defends their interests****. Accordingly, interferences with the freedom of expression of an opposition member of parliament, like the applicant, call for the closest scrutiny on the part of the Court".*

- Din kienet is-sitwazzjoni dakinhar li l-konvenut ghamel id-diskors oġġett tal-kawża. Dak li seta’ ġara żmien wara li sar id-diskors mhuwiex rilevanti għal finijiet ta’ dawn il-proċeduri. Il-qorti trid tibbaża d-deċiżjoni fuq l-istat ta’ fatt li kien jipprevali fi żmien li sar id-diskors u mhux seta’ ġara żmien wara.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.